MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MARSEANN FARRUGIA**

Seduta tad-29 ta' Ottubru, 2012

Numru. 459/2009

**Il-Pulizija**
**(Sp Spiridione Zammit)**

**vs.**

**Silvio Camilleri**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Silvio Camilleri ta' 24 sena bint Carmel u Gemma nee' Camilleri mwieled Pieta fl-10 ta' Marzu 1984 u residenti fil-Facilita Korrettiva ta' Kordin, ID 163884 (M).

Akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer, fl-20 ta' Frar 2009 ghall-habta ta' 10.30am u matul l-ahhar xhur qabel din id-data waqt li kont fil-Facilita Korrettiva ta' Kordin kellu fil-pussess tieghu d-droga eroina specifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi tal-Kapitolu 101

tal-Ligijiet ta’ Malta meta ma kienx fil-pussess ta’ awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort’ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b’xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta’ Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas milli jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regolament tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur ta’ l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta.

U iktar talli b’hekk sar ricediv b’diversi sentenzi tal-Qorti, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula jew imhassra u dan ai termini tal-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Il-Qorti kienet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-ligi, tordna li jithallsu l-ispejjez li ghandhom x’jaqsmu mal-hatra tal-esperti, skond l-Artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Il-Qorti kienet wkoll mitluba sabiex f’kaz ta’ sejbien ta’ htija, tapplika l-provediment tal-Artikolu 33A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Wara li rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti, inkluz l-ordni ta’ l-Avukat Generali bis-sahha tas-subartikolu tnejn (2) ta’ l-Artikolu 22 ta’ l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101), sabiex din il-kawza tinstema’ minn din il-Qorti bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali;

Wara li rat illi l-imputat irregistra ammissjoni fi stadju bikri ta’ dawn il-proceduri, liema ammissjoni giet ikkonfermata mill-istess imputat wara li l-Qorti a tenur ta’ l-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta avzatu bil-konsegwenzi legali ta’ dik l-ammissjoni, u ikkoncedietlu zmien bizzejjed biex jerga’ jikkonsidra t-twegiba tieghu u jerga’ lura minnha;

Wara li rat u semghet il-provi u t-trattazzjoni dwar il-piena,

Ikkunsidrat:

Din il-Qorti ma tistax ma tharisx lejn ir-reat odjern bhala reat ta’ certa gravita peress li l-pussess u l-abbuz tad-droga fil-habs mhux biss jikkostitwixxi ksur tal-ligi, izda jfisser ‘breakdown’ fid-dixxiplina u fl-isforzi li jkunu qed isiru biex jigu mnedija programmi ta’ riforma u riparazzjoni.

Fil-kaz odjern l-ammissjoni saret wara li l-prosekuzzjoni kienet ressqet hafna mill-provi taghha u ma tistax titqies bhala bikrija u ghalhekk l-imputat ma jistax jiehu d-‘discount’ kollu.

Illi l-fedina penali tieghu hija rafrettarja u huwa ricediv. Huwa ghandu tnax-il kundanna minn dawn il-Qrati – hafna minnhom b’piena ta’ prigunerija u ghalhekk il-piena fil-kaz odjern ghandha tizdied bi grad.

Illi l-piena ghandha tizdied bi grad iehor ghaliex ir-reat gie kommess waqt li l-hati kien prigunier (Artikolu 33A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta)

Peress li l-hati instab fil-pussess tad-droga fil-presenza ta’ prigunier iehor, li kontrieh ukoll ghaddejin proceduri kriminali, huwa gust li l-ispejjez li ghandhom x’jaqsmu mal-hatra tal-esperti jinqasmu bin-nofs.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat it-Taqsimiet 4 u 6, l-Artikoli 22(1)(a) u 22 (2) (b) (ii) tal-Kapitolu 101 u r-Regolament 9 tal-GN 292/1939 kif wkoll l-Artikoli 33A, 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta issib lill-imputat hati ta’ l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u qed tikkundannah ghal piena ta’ 9 xhur habs effettivi.

Il-Qorti tordna lill-hati ihallas **nofs** l-ispejjez li ghandhom x’jaqsmu mal-hatra ta’ l-esperti, skond l-Artikolu 533(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------